

**Talba għal opinjoni mressqa mill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 218(11) TFUE****(Opinjoni 1/15)**

(2015/C 138/32)

*Lingwa tal-kawża: il-lingwi uffiċjali kollha***Talba mressqa minn**

Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: F. Drexler, A. Caiola, D. Moore, aġenti)

**Domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja**

- Il-ftehim maħsub <sup>(1)</sup> huwa kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati (Artikolu 16 TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [Artikoli 7, 8 u 52(1)] sa fejn huwa kkonċernat id-dritt tal-persuni fiżiċi għall-protezzjoni tad-data personali?
- L-Artikolu 82(1)(d) u l-Artikolu 87(2)(a) TFUE jikkostitwixxu l-bażi legali adegwata għall-att tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim maħsub jew dan l-att għandu jkun ibbażat fuq l-Artikolu 16 TFUE?

<sup>(1)</sup> Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad Sofia (il-Bulgarija) fis-26 ta' Settembru 2014 – Rumyana Asenova Petrus vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija****(Kawża C-451/14)**

(2015/C 138/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru***Qorti tar-rinviju**

Rayonen sad Sofia

**Partijiet fil-kawża prinċipali***Rikorrenti:* Rumyana Asenova Petrus*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Bulgarija

Permezz ta' digriet tal-5 ta' Frar 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula mir-Rayonen sad Sofia (il-Bulgarija).

**Appell ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2014 mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) (UASI) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-3 ta' Settembru 2014 fil-Kawża T-686/13, Unibail vs UASI****(Kawża C-512/14 P)**

(2015/C 138/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Appellant:* Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedura:* Unibail Management